Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 327/2014

**Middlesea Insurance plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Ann Jones (ID Nru 0441100L) u l-istess Ann Jones u b' digriet datat 16 ta' Ġunju 2015 l-isem Middlesea Insurance nbidel għal Mapfre Middlesea plc**
**(appellati)**

**Vs**

**Waldorf Auto Services Co. Limited; Pater Holdings Co. Limited; Meridian Enterprises Company Limited (appellanti)**

17 ta' Novembru, 2017.

1. Permezz ta' Avviż ta' Talba ppreżentat fid-19 ta' Mejju 2014, ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal għal Talbiet Żgħar jikkundanna lis-soċjetajiet intimati jew min minnhom iħallsuha s-somma ta' elfejn tlett mija u ħamsin ewro (€2,350) in kwantu għal €2291.77 rappreżentanti danni sofferti mill-assigurata Ann Jones li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà rikorrenti Middlesea Insurance plc in forza tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u in kwantu għall-bilanċ rimanenti ta' €58.23 bħala *excess* li għalihom għamlet tajjeb Ann Jones, liema danni ġew sofferti fil-jiem ta' bejn it-2 u t-3 ta' Settembru 2012 ġewwa Valley Road, Msida meta, filwaqt illi l-vettura tat-tip Hyundai Getz bin-numru tar-reġistrazzjoni CEC 143, proprjetà tar-rikorrenti Ann Jones u assigurata mas-soċjeta rikorrenti Middlesea Insurance plc, kienet fil-kustodja tal-intimati jew min minnhom sabiex isirulha xi riparazzjonijiet fuq talba tar-rikorrenti Ann Jones, il-vettura sofriet ħsara kbira '*beyond economical repair'* wara li intlaqtet min għargħar u dana peress li l-intimati jew min minnhom ma ħadux il-prekawzjonijiet neċessarji fil-perjodu meta l-vettura kienet fdata fil-kustodja tagħhom sabiex ma ssiriliex ħsara, bl-ispejjeż inkluż dwar tal-ittra bonarja datata 13 ta' Novembru 2012 u l-ittra ġudizzjarja datata 17 ta' Mejju 2013 u bl-imgħax legali mit-22 ta' Mejju 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Permezz ta' tweġiba[1] preżentata fis-27 ta' Ġunju 2014 l-intimati wieġbu li: (i) l-ħsarat subiti mir-rikorrenti ġraw b'aċċident jew b' forza maġġuri a tenur tal-Artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) fid-data tal-inċident *de quo*, ossija fit-3 ta' Settembru 2012, il-gżejjer Maltin intlaqtu minn maltempata qawwija inaspettata li ħalliet ħerba sħiħa f'diversi lokalitajiet partikolarment fiċ-ċentru u n-nofsinhar ta' Malta fejn jinsab l-istabbiliment tagħhom, b' dan illi huma qatt ma tistgħu jinsabu responsabbli għal ebda dannu versu l-atturi; (iii) it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti fl-intier tagħhom; u (iv) fi kwalunkwé każ, l-entità tad-danni pretiżi huwa kontestat u tagħhom għandha titressaq l-aħjar prova.

3. Permezz ta' sentenza tal-31 ta' Ottubru 2016, it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar iddeċieda billi:

> *'... filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mqanqla mis-soċjetajiet intimati in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement qiegħed jikkundanna lis-soċjetajiet intimati, in solidum bejniethom, sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn tlett mija u ħamsin euro [€2,350] bl-imgħaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mit-22 ta' Mejju, 2013 sad-data tal-ħlas effettiv.*
>
> *L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mis-soċjetajiet intimati.'*

4. Illi minn din is-sentenza appellaw is-soċjetajiet intimati. L-aggravju tagħhom jikkonsisti fis-sejbien ta' ħtija għall-akkadut in kwantu huma tal-fehma li tali konklużjoni hija fattwalment u legalment skorretta.

5. Illi permezz ta' risposta preżentata fit-12 ta' Diċembru 2016 l-atturi wieġbu li l-appell hu nfondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet appellanti u s-sentenza mogħtija mit-Tribunal konfermata.

**<u>Ikkunsidrat</u>.**

6. Illi l-konkluzjoni raġġunta mit-Tribunal kienet ibbażata fuq ir-raġunament segwenti:

> *'2. A skans ta' ripetizzjonijiet inutili, t-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni mogħtija minnu llum stess fit-Talba fl-ismijiet A.L.M. Enterprises Limited vs U.C.I.M. Co. Ltd et bin-numru 536/2014, liema raġunament japplika ukoll għal dan il-każ odjern.*
>
> *3. B' żieda ma dak li ingħad fl-imsemmija deċiżjoni t-Tribunal jirrileva li f' dan*

[1] Fol. 6

*il-każ, il-vettura tar-rikorrenti kienet lesta mix-xogħol li l-intimati kellhom jagħmlu fuqha l-Ġimgħa 31 ta' Awwissu, 2012 permezz ta' żewġ short messaging system (sms) li intbagħtu lilha ftit qabel is-7:00a.m. L-ewwel sms kien inbagħat biex jinfurmaha li x-xogħol fuq il-vettura kien lest filwaqt li fit-tieni sms intbagħtilha l-kont. Jidher li r-rikorrenti ma marritx tiġbor il-vettura tagħha f' din id-data u t-Tnejn 3 ta' Settembru, 2012 seħħet il-maltempata. Carmel Galea, parts manager mas-soċjetà UCIM Co. Ltd, qal li dak-in-nhar tat-3 ta' Settembru, 2013 huwa kien mar għax-xogħol bil-vettura tiegħu u dan peress li ilmijiet ma kienx hemm l-għaliex kien telaq kollox. Imbagħad wara nofsinhar reġgħa seħħet maltempata oħra. Ix-xhud qal li huwa daħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx ta' fejn kien isir ix-xoghol fuq il-vetturi tal-klijenti u dan sabiex ma tibqax barra ħabba l-ilmijiet li kien hemm. Il-fatt pero li r-rikorrenti ma marritx għal vettura tagħha immedjatament ma jnaqqas xejn mill-obbligu fuq l-intimati li jieħdu ħsieb il-vettura tagħha ġaladarba din kienet fil-pussess tagħhom.*

*4. Għar-rigward tal-quantum tad-danni subiti, t-Tribunal jagħmel referenza għal dak verbalizzat mid-difensur tas-soċjetajiet intimati fit-18 ta' Novembru, 2015 fejn ingħad li ma hijiex tiġi kkontestata l-validità u l-quantum indikat fid-dokumenti immarkati bħala dok. KC1 sa dok. KC17 (ara talba numru 536/14 min fol. 113 il-quddiem). It-Tribunal, apparti dan, huwa sodisfatt bid-dokumentazzjoni esebita għar-rigward tad-danni u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti sejrin jigu milqugħa.'*

7. Permezz tal-aggravju tagħhom l-appellanti jfissru għaliex fil-fehma tagħhom l-konklużjonijiet tat-Tribunal huma legalment u fattwalment skorretti. Jilmentaw prinċipalment li t-Tribunal kien pjuttost simplistiku fil-konklużjonijiet tiegħu u naqas milli jikkunsidra l-provi mressqa minnhom fosthom id-depożizzjoni tal-Perit Philip Grech fejn dan ix-xhud kategorikament ċaħad li kien hemm xi miżura li setgħet tittieħed biex ikun evitat l-akkadut. Itennu b' hekk id-difiża tal-forza maġġuri u jisħqu li mill-provi proċesswali jirriżulta kjarament li huma għamlu dak kollu li setgħu jagħmlu sabiex jipprevjenu għal dan l-akkadut u għalhekk għaddew sewwa mit-test tad-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja. L-appellanti jagħmlu wkoll referenza għall-fatt li t-Tribunal irrimarka ukoll li l-intimata <u>fil-kawża l-oħra</u> deċiża wkoll illum, ħallset lill-appellanti għall-ħsarat mġarrba fil-fond waqt l-istess maltempata u jsostnu li tali ħlas kien regolat bil-polza ta' assikurazzjoni li kienet viġenti bejniethom fiż-żmien in kwistjoni u tinsab in atti, b' dan illi tali fatt m'għandu bl-ebda mod jittieħed bħala xi ammissjoni ta' responsabbiltà għall-akkadut.

8. Da parti tagħhom ir-rikorrenti appellati wieġbu, *inter alia,* li Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux verament għal motivi gravi.

9. Għalkemm dan huwa minnu, il-ġurisprudenza tipprovdi ukoll illi:

*'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "**Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Emily Stivala et -vs- George Pace**", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000*[2]

10. Fl-udjenza tal-24 ta' Marzu 2015[3] il-partijiet ftehmu li l-provi li qegħdin jinġabru fit-talba fl-ismijiet ***A.L.M. Enterprises Limited vs U.C.I.M. Co. Ltd et*** bin-numru 536/2014 ikunu jifformaw parti mill-provi f'din it-Talba. Jirriżulta mill-fatti miġbura fl-imsemmija proċeduri illi:

- fit-3 ta' Settembru 2012 għamlet maltempata kbira f'Malta b'xita qawwija f'ħin relattivament qasir:

  *'l-aktar ammont ta' xita li għamlet ... kien it-tlieta (3) ta' Settembru filgħodu kmieni t-temp baqa' jkaxkar sakemm imbgħad kien hemm oħra ċioé maltempata oħra filgħaxija'*; [4]

- rappreżentant tas-soċjetà U.C.I.M. Co. Ltd[5] ikkonferma li l-garaxx tagħhom kien għereq bl-ilma tal-maltemp li kien għamel f'Settembru tal-2012. Jikkalkula li fil-*workshop* kien hemm madwar 50 ċentimetru ilma.[6] Qal li dan kien każ eċċezzjonali u kemm ilu jaħdem hemm, ossija mill-1987, m'għeriqx darb' oħra. Ikkonfrema li l-ilma tat-triq jaqleb lejn in-naħa opposta tax-*showroom* u li d-*drive* tal-imsemmi *showroom* hija bejn 20 u 25 metru twila. Inoltre, il-*workshop* għandu *shutters* tal-ħadid li jingħalqu bil-firroll u sistema ta' *gutters* li jiffiltraw l-ilma għal ġo *sump*;

[2] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004.
[3] Fol. 17.
[4] Xhieda **Joseph Schiavone**, Kap tal-Uffiċċju Metereoloġiku ta' Malta, a fol. 20 – 25 tal-proċess 536/2014.
[5] Xhieda ta' **Carmel Galea**, *Parts Manager* ma' UCIM Co Ltd, a fol. 33 – 34 tal-proċess 536/2014
[66] Hekk kif jidher mill-*CCTV footage* eżebit bħala **Dok AZM** bejn fol. 108 u 109 tal-proċess 536/2014 u r-ritrattiu l-artikoli a fol. 135 et seq. tal-proċess 536/2014.

- it-tip ta' maltempata ġiet ukoll konfermata mir-rappreżentant tal-Malta Insurance Association.[7] L-effetti tagħha kienu tant estensivi li kien sar rapport dwar l-ammont ta' *insurance claims* relattivi għall-ħsarat ikkaġunati li ssuperaw il-ħames miljun Ewro;

- il-Perit Philip Grech,[8] speċjalizzat fl-inġenjerija tal-ilma, l-idroloġija u l-effett tax-xita fit-troroq mill-1985, xehed li huwa kien ġie mqabbad mis-soċjetà intimata Elmo Insurance Limited sabiex jirrapporta dwar il-maltempata tat-3 ta' Settembru 2012 fil-kuntest tal-għarar li kien seħħ ġewwa l-Imsida. Xehed li '***maltempata ta' din ix-xorta tiġri darba kull ħamsa u sebgħin sena***' u għalkemm Triq il-Wied tal-Imsida hija rinomata għall-ilma '***mhux rinomat li jkun hemm l-ammont ta' ilma li kien hemm***'. **B' referenza speċifika għall-*water management* tas-soċjeta U.C.I.M. Co. Ltd qal ukoll li hemm is-segwenti miżuri**: *water ducts* li jitfgħu 'l barra l-ilma tax-xita; il-garaxx huwa merfugħ 'l fuq aktar mil-livell tat-triq u huwa madwar erba' mitt metru l-bogħod mit-tarf tat-triq; in-naħa tat-triq fejn hemm is-*showroom* tal-intimata huwa aktar elevat min-naħa opposta b' madwar erba' mitt millimetru u huwa aktar elevat mill-għola parti tat-triq; mistoqsi jekk is-soċjetà U.C.I.M. Co. Ltd setgħetx tagħmel xi ħaġa sabiex ittaffi l-problema tal-għarar wieġeb li:

> ***'le ma setatx tagħmel, dan peress illi meta għola l-ilma sal-livell ta' dik it-triq, ċioé erba' mitt millimetru meta kien ħiereġ imbagħad l-ilma mill U.C.I.M. Co. dan beda jaħbat mal-ilma li diġa kien qiegħed hemmhekk u jerġa lura u allura ma seta jsib l-ebda żvog l-ilma li kien hemm fil-U.C.I.M. Co. Jiena m' għandi l-ebda dubju li dan li seħħ nikklassifikah bħala force majeure'.***

In kontro-eżami[9] spjega ulterjorment li għalkemm il-fond tal-U.C.I.M. Co. huwa maħsub għal livell sostanzjali ta' ilmijiet, f' dan il-każ partikolari ma bediex ilaħħaq mal-livell tal-wied. Reġa' tenna li minkejja li l-post kien elevat, peress li l-livell ta' ilma tat-triq telgħa iżjed mill-katusa:

> '***l-ilma ġie mblukkat awtomatikament bl-ilma. Ma tistax tagħmel miżuri preventivi sabiex dan it-tip ta' ilma tilqgħu peress li l-ilma f' dan il-każ kien wied.*** *It-tip ta' maltempata in kwistjoni hija waħda* ***eċċezzjonali*** *li sseħħ darba kull ħamsa u*

---

[7] Xhieda ta' Adrian Galea, *Direttur Ġenerali* tal-Malta Insurance Association, a fol. 90 – 91 tal-proċess 536/2014.
[8] Fol. 79 et seq., fol. 88 et seq. tal-proċess 536/2014 .
[9] Fol. 105 et seq. tal-proċess 536/2014.

*sebgħin (75) sena ... **Mistoqsi mit-Tribunal jekk il-Pater setgħetx tagħmel xi ħaġa aktar milli għamlet sabiex tevita li jkun hemm dak l-għarar ġol-proprjetà tagħha ngħid li iva setgħet tabbanduna l-post biss.** ... Mistoqsi jekk jien ikkunsidrajtx il-fatt illi Pater setgħet ħadet ħsieb illi tagħmel ilqugħ sabiex l-ilma li jidħol għandha jispiċċa f' dak l-ilqugħ ngħid illi m' hijiex xi ħaġa li tista' ssir .. **għaliex il-volumi tant huma kbar li l-post stess ma jippermettix li jkollok reservoir kbir biżżejjed sabiex jilqa' dak l-ilma kollu**. Ngħid ukoll li dak iż-żmien tal-maltempata xi sit eżatti 'l fuq mill-Pater ... tħaffret barriera ... aktar minn sular u l-ilma li daħal f' dik **il-barriera imtliet u xorta waħda ma solvietx il-problema** tal-Pater għaliex xorta daħal l-ilma. Il-problema tal-Pater ma kinitx self inflicted iżda kienet ġejja minn barra ... l-ilma li kien hemm fil-proprjetà setgħu ħelsu minnu billi kienu jaqbdu pompa u jitfawh 'l barra peró **din il-pompa kienet tispiċċa tilqa' l-ilma li kien ġej minn barra, taħdem mingħajr ma tieqaf u tinħaraq.** ... mistoqsi jekk il-katusi tal-ilma li mill-Pater jitfgħu għal-ġot triq blocked minn xi ħaġa oħra apparti l-ilma ngħid illi rrilevanti għaliex **l-effett kien ikun l-istess**.'*

11. Fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2014 tal-proċeduri surriferiti il-partijiet qablu ukoll li x-xhieda fil-kawża ***GasanMamo Insurance Limited vs U.C.I.M. Co Limited*** (Ċit. Nru. 750/2013JRM) għandha tgħodd bħala provi f'dawn il-proċeduri u b' hekk m' hemmx il-ħtieġa li dawn in-nies jerġgħu jitilgħu, salv għad-dritt tal-kontro-eżami. Peress li dawk il-proċeduri għadhom pendenti, din il-Qorti rreferiet għall-provi li nġabru sa meta ġiet deċiża l-kawża appellata, fosthom ix-xhieda ta' Carmel Galea, Adrian Galea, Anthony Pisani, Antoine Grech u tal-Perit Philip Grech, li xehdu ukoll fil-proċeduri odjerni, kif ukoll ta' Brian Micallef u tal-Ispettur Sandro Camilleri.

12. Inoltré:

- fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2015, filwaqt li ġie ppreżentat estratt tat-timesofmalta.com datat l-1 ta' Settembru 2012 u email datata 21 ta' Novembru 2012, xehedu ukoll Kenneth Camilleri,[10] Joseph Schiavone,[11] li qal '*qabel ma ġejt għas-seduta tal-lum jiena vverifikajt illi f' dan il-każ il-Protezzjoni Ċivili u l-media kienu ġew notifikati bil-warning tagħna u jekk mhux sejjer żball dan għamilnieh fit-tnejn (2) ta' Settembru, elfejn u tnax (2012)* u Charlo Vella;[12]

[10] Fol 196 (enumerazzjoni ma ssegwix)
[11] Fol. 194 u 195 (enumerazzjoni ma ssegwix)
[12] Fol. 192 (enumerazzjoni ma ssegwix)

- fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2015 xehed Karm Galea[13] li kkonferma li r-rikorrenti Ann Jones kienet ġiet infurmata li t-tiswijiet fuq il-vettura kienu tlestew fil-31 t' Awissu 2012 b' żewġ sms. Xehed ukoll li mar ix-xogħol bil-karozza normali u ilmijiet ma kienx hemm. X' ħin ra' l-ilma daħħal il-karozza fil-*ground floor* tax-*showroom* tal-garaxx;

- Joseph Schiavone xehed ulterjorment fil-21 ta' Marzu 2016 u ppreżenta diversi dokumenti.[14] **Qal li l-istatistika tal-perit Grech kienet ibbażata fuq metodu differenti minn dik miġbura minnu u għalhekk ma kienx f' posizzjoni jikkonferma jekk id-data wżata mill-perit hijiex korretta jew le.** Mistoqsi dwar JS18/11/15/03 u JS18/11/15/04 jgħid li hemm żball fis-sens fejn hemm il-klema *October* din trid tiġi *September.* Qal li d-dokumenti eżebiti ntbagħtu lill-media kollha. **Ikkonferma wkoll li ma ħarġu ebda *warnings* fit-2 u fit-3 ta' Settembru 2012 liema *warnings* joħorġu biss f' każ ta' maltempata bir-ragħad, riħ qawwi, *hail storms* u *sandstorms* li tista' taffetwa l-ħajja umana, '*f' dan il-każ ma ħriġniex*'.** Fl-imsemmija dokumenti t-tbassir meteoroloġiku kien jgħid '*cloudy with thundery showers*' '*imsaħħab bil-ħalbiet tax-xita bir-ragħad*' f' dak maħruġ fit-3 ta' Settembru 2012 u '*cloudy with showers locally thundery becoming partly to rather cloudy in the afternoon*' '*imsaħħab bil-ħalbiet tax-xita lokalment bir-ragħad li jsir ftit jew wisq imsaħħab wara nofsinhar*'.

13. Skont l-artikolu 1899 tal-Kodiċi Ċivili:

> *"Id-depożitarju għandu, fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu, jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu".*

Imbagħad l-artikolu 1901 jipprovdi:

> ***"Id-depozitarju ma jwieġeb qatt għall-aċċidenti li jiġru b'forzi maġġuri, ħlief jekk ikun ġie mqiegħed in mora għar-radd tal-ħaġa depożitata*....."**

Dawn huma d-disposizzjonijiet rilevanti ġialadarba rriżulta li l-vettura ttieħedet għand l-appellanti sabiex isir xogħol fuqha.

14. Il-forza maġġuri hi dik il-forza li hu mpossibbli li wieħed jirreżisti għaliha. Il-prova tal-forza maġġuri kellha ssir mill-konvenuti. Kif tajjeb qal it-Tribunal fil-

[13] Fol. 44 - 45
[14] Fol 50 – 57.

proċeduri fl-ismijiet ***A.L.M. Enterprises Limited vs U.C.I.M. Co. Ltd et*** bin-numru 536/2014 li għalihom għamel referenza fid-deċiżjoni appellata, il-ġurisprudenza tipprovdi li sabiex tirnexxi d-difiża tal-forza maġġuri f'kawża għad-danni, iridu jikkonkorru kemm l-elementi tal-imprevedibilità kif ukoll l-element ta' nuqqas ta' kontributorjetà. Fi kliem ieħor, l-avveniment irid ukoll ikun irreżistibbli bl-użu tad-debita kura,[15] ossija, bl-eżerċizzju tad-dilġenza ta' *bonus pater familias.* Il-Qorti tal-Appell qablet ukoll li huwa imprevedibbli għall-liġi dak li ordinarjament ma jiġrix u mhux dak li qatt ma ġara bħalu qabel.[16] Għal dak li jirrigwarda t-tieni element, fis-sentenza **Joe Caruana vs Philip Chircop & Sons Ltd et** tal-24 ta' April, 2015, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:

> *".... il-kunċett tal-każ fortuwitu jew forza maġġuri ma jseħħx meta għall-ħsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skont il-prinċipju tad-dritt biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-bonus paterfamilias"*.

15. Meta t-Tribunal ġie biex japplika l-prinċipji surriferti għall-każ odjern, deherlu li l-konvenuti ma setgħux jirnexxu fid-difiża tagħhom għaliex l-lokalità fejn tinsab ix-*showroom* hi notorjament magħrufa għall-*flooding* u għalhekk l-konvenuti kellhom jieħdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex din il-kwistjoni ta' flooding ma jkollhiex effett, jew almenu, tnaqqas drastikament l-effetti ta' l-għarar. Isegwi, skont it-Tribunal, li falla kemm il-kriterju tal-imprevedibilità kif ukoll it-test tal-irreżistibilità.

16. Kif ingħad aktar 'l fuq, għalkemm it-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kawżi quddiemu prinċipalment abbażi tal-ekwità, ovvjament il-kawżi quddiemu xorta għandhom jiġu deċiżi a bażi tal-provi li kull parti tkun ressqet.

17. Dwar l-element tal-prevedibbilità *o meno* tal-maltempata in kwisjoni, mill-atti jirriżulta li x-xita li għamlet fit-3 ta' Settembru 2012 kienet ħafna u dan f'ammont sostanzjali fi żmien qasir. Minħabba dan il-*flash flooding*[17] il-livell tal-wied tal-Msida ogħla sostanzjalment għaliex is-sistemi ta' gutters tat-triq ma bdewx ilaħħqu mal-ammont ta' ilma li niżel f'salt. Dan hu spjegat fir-rapport u fix-xhieda tal-Perit Philip Grech li kkonferma li maltempata ta' tali portata hija eċċezzjonali u tiġri f' medja darba kull 75 sena. Effettivment,

[15] ***Carmelo Micallef Vs Brigadier John Belle Mc Cance ne.***, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fis-7 ta' Frar 1953.
[16] ***Micallef Carmelo Vs Direttur Tax-Xogholijiet,*** Qorti tal-Appell (Superjuri), deċiża fit-28 ta' Frar 2001.
[17] Xhieda ta' **Anthony Pisani**, *operations manager mal-Protezzjoni Ċivili,* fol. 92

Carmel Galea, impjegat mal-U.C.I.M. Co. Ltd mill-1987, jgħid li din kienet l-ewwel darba kemm ilu jaħdem hemm li daħal l-ilma ġol-garaxx fejn jaħdem.[18]

18. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni li għalkemm l-ilmijiet tax-xita fi Triq il-Wied l-Imsida mhumiex avveniment rari, il-maltempata ma kinitx waħda tas-soltu.

19. Sabiex jissussisti l-*casus* l-event irid ikun irreżistibbli. Skont il-perit Grech il-fond tal-appellanti kellu karatteristiċi u miżuri sabiex tiġi evitata inondazzjoni ta' ilma, fosthom ix-xaqlib tat-triq, sistema ta' *gutters* u katusi, u *driveway* ta' distanza konsiderevoli mit-triq. Hu evidenti li dan ma kienx biżżejjed. Il-perit Philip Grech mistoqsi diversi drabi dwar x'miżuri segħu ittieħdu mill-intimati biex jiġi evitat il-*flooding*, dejjem tenna li l-ebda miżura ma setgħet tevita jew timmitiga l-effetti tal-*flash flood* tat-3 ta' Settembru 2012. Skont il-perit l-ebda pompa ma setgħet tlaħħaq u l-ebda *sump* ma kien ikun kbir biżżejjed tant illi barriera fil-viċinanzi intliet u dan ma kellu ebda effett fuq il-livell tal-ilma li għarraq it-triq.

20. Skont il-perit Grech, fiċ-ċirkostanzi l-konvenuta setgħet biss '*tabbanduna l-post*'. Mid-deposizzjoni ta' Anthony Pisani, *operations manager mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili*, jirriżulta li ma kinux ingħataw preavviż mill-Met Office[19] li ġejja maltempata ta' tali kalibru. Fil-fatt, ix-xhieda ta' Joseph Schiavone tikkonferma li ma ħarġu ebda *warnings* u t-tbassir tat-temp, filwaqt li kien jindika li kienet ser tagħmel ix-xita bir-ragħad bl-ebda mod ma kienet għamlet allarm partikolari li setgħet tantiċipa l-kalamità tal-għarar li għamel f' salt wieħed fit-3 ta' Settembru 2012. L-artikolu pubblikat fil-gazzetta *Times of Malta* online pubblikat fl-1 ta' Settembru 2012[20] lanqas ma kien ta' allarm tali li l-konvenuti setgħu jiġu raġonevolment mistennija jevakwaw l-vetturi kollha mix-*showroom* tagħhom kif pretiż mill-appellati. Kull ma jgħid l-imsemmi artikolu huwa '*Met office spokesman confirmed "**moderate rain**" was expected and there **could** be "bursts of heavy rain" at times.'* Fih ingħad ukoll li l-Ministeru għar-Riżorsi kien għalhekk ħa l-passi meħtieġa sabiex jitnaddfu t-toroq priniċipalment effetwati u jinbnew *reservoirs* sabiex jintnaqqas ir-riskju ta' inondazzjoni. Pero' li hu rilevanti hu li mir-rapport tal-perit Grech jirriżulta li dakinhar stess kmieni filgħodu, f'Birkirkara niżlet xejn inqas minn 40.8 mm xita f'temp ta' 31 minuta[21]. Li kienet ġurnata ta' maltemp

---

[18] Fol. 34
[19] Fol. 92.
[20] Kopja tinsab eżebita a fol. 41 tal-proċess bin-numru 327/2014 fl-ismijiet ***Middlesea Insurance plc et vs Waldorf Auto Services Co. Ltd.***
[21] Fol. 83.

qawwi kien jidher minn kmieni filgħodu. Mhemmx provi li f'dak il-ħin, meta allura l-fond tal-appellanti kien għadu ma fetaħx, kien daħal ilma fih. Pero' jibqa' 'l fatt li kien hemm diġa sinjali ċari ta' maltemp qawwi, u madankollu ma jirriżultax li l-konvenuta ħadet xi prekawzjonijiet meta bdiet il-ġurnata xogħol, meqjus il-volum ta' ilma li kien niżel kmieni filgħodu. Dan iktar u iktar meta hu fatt magħruf kemm fit-triq fejn jinsab il-fond tal-appellanti, jinġemgħa ilma tax-xita. Jingħad ukoll li mir-rapport tal-perit Grech jidher li f'Birkirkara x-xita bdiet mis-2pm u baqgħet iżżid fl-intensita u damet nieżla sal-5pm, meta x-xita laħqet l-iktar intensita.

21. Il-qorti mhijiex konvinta li ma kienx hemm x'tagħmel. Wieħed irid jiftakar li l-oneru tal-prova kien fuq il-konvenuti. L-opinjoni tal-perit Grech mhijiex biżżejjed biex tiskolpa lill-appellanti. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva, kif:

i. Fit-3 ta' Settembru, 2012 ix-xita niżlet filghodu u aktar tard matul il-ġurnata, f'ħin li mhemmx prova li kien wara l-ħin tax-xogħol.

ii. Ma ngħatatx prova fejn kienet il-vettura tal-attriċi meta saritilha l-ħsara. Carmel Galea, *parts manager* tas-soċjeta konvenuta UCIM Co Limited, xehed, *"Il-vettura li ġarrbet il-ħsara CEC 143 ngħid li ma nafx fejn kienet"*. Prova li kellha ssir mill-konvenuta. Hemm dubju serju kemm il-vettura Hyundai Getz CEC 143 kienet ipparkjata fil-garaxx, u dan peress li giet dikjarata *total loss* minkejja li l-valur tagħha qabel l-inċident kien €3,200. Saħansitra fis-survey report jingħad, *"Re inspection 12/9/2012. After the interior was removed it show very clear that the* ***water was above the seat level and <u>as high as heater controller switch level</u>****"*. Mhemm l-ebda ndikazzjoni li fil-garaxx kien hemm dak l-ogħli kollu ta' ilma. Fil-fatt Carmel Galea xehed, *"Fit-tlieta (03) ta' Settembru reġa agħmel l-ilma u jiena peress li l-karozza tiegħi kif diġa għidt kienet qegħda pparkjata fuq quddiem tas-showroom daħħaltha ground floor fil-garaxx.* ***Il-karozza tiegħi kulma gralha ħsara kien il-floor area tagħha fis-sens illi daħal xi ilma mill-ilma li daħal, imbagħad minħabba l-ilma li kien seħħ fit-tlieta (03) ta' Settembru fil-floor level tagħha u allura kelli nixxuttaha****"*. Verżjoni li tkompli ssaħħaħ il-fehma tal-qorti li l-indikazzjoni hi li l-vettura Hyundai Getz, li ma kienx għad fadal xogħol x'isir fuqha, kienet ipparkjata fuq barra u tħalliet barra. Fatt li wassal sabiex saret ħsara estensiva fiha tant li ġiet ċertifikata li kienet *beyond economical repair*.

iii. Il-qorti rat ukoll il-filmat li ppreżentat l-appellanti, li pero' hu *heavily edited*. Ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni kif jidhru biss żewġ ħaddiema jdaħħlu vetturi fil-garaxx, meta tikkunsidra li Carmel Galea xehed li *"Bħala xogħol ta' tiswija fil-ground floor level hemm madwar tnax-il*

*ruħ"*. Lanqas ma xehed ħadd biex jispjega il-filmat, bħal per eżempju l-ħinijiet differenti.

iv. F'kull każ Carmel Galea xehed li l-garaxx fil-*ground floor* għandu *shutters* tal-ħadid li jingħalqu bil-firroll. Il-qorti tistaqsi, meta l-ħaddiema raw il-livell tal-ilma fit-triq tiela', għalqu s-shutters tal-workshop? Mhux magħruf. F'wieħed mill-filmati jidher parti minn bieb ta' garaxx miftuħ u dieħel l-ilma.

v. L-istess Carmel Galea xehed li kien biss l-għada li għamlu *sandbags* mas-*shutters* tal-ħadid. Skont ix-xhud il-livell tal-ilma li daħal fil-workshop ma kienx hemm iktar minn ħamsin (50) ċentimetru. Fatt rilevanti wkoll fir-rigward ta' dak li ngħad f'paragrafu (i). Galea xehed li dakinhar li daħal l-ilma m'għamlux sandbags għaliex, *"ma konniex qegħdin nistennew li jidħol l-ilma"*. Pero' probabbilment l-impjegati kienu qegħdin jaraw b'għajnejhom li l-livell tal-ilma fit-triq tant ogħla li beda jidħol fid-*drive in* li hemm qabel il-garaxx.

vi. Kull min hu midħla tal-fond in kwistjoni, kif inhu l-gudikant sottofirmat, jaf li hemm rampa li tagħti għall-ewwel sular biex tidħol f'garaxx ieħor li dak iż-żmien kien jinsab fl-ewwel sular, u li fih Galea xehed li kien isir xogħol ta' *panel beating*. Rampa li tidher fil-pjanta a fol. 97 tal-kawża 536/2014. X'inhi r-raġuni li meta bdiet nieżla din il-kwantita kbira ta' xita u l-ilma fit-triq beda jogħla, il-ħaddiema ma tellgħux il-vettura fl-ewwel sular jew għallinqas ipparkjawha fir-rampa ?

vii. Jirriżulta li l-vettura kienet qegħda sempliċement tistenna lil sidha biex tmur tiġborha, u għalhekk żgur li ma kienx hemm problema biex tinstaq.

viii. Mhemm l-ebda prova kemm il-vettura li kienu fil-pussess tal-appellanti, saritilhom ħsara. Inoltre, jirriżulta li d-*drive way* li twassal għal garaxx fiha ċertu tul, li fih innifsu suppost ta iktar opportunita' lill-appellanti biex jittieħdu l-miżuri li kien hemm bżonn biex il-vettura tal-attriċi titneħħa minn fejn kienet.

ix. Min-naħa tal-appellanti kull ma xehed, bħala persuna li kienet fil-post, kien Carmel Galea. Deposizzjoni li fil-fehma tal-qorti tistqarr li hi xotta għall-aħħar u ma fihiex biżżejjed dettall biex tikkonvinċi lill-qorti li ma kien hemm xejn iktar x'isir biex tiġi evitata jew titnaqqas il-ħsara. Biżżejjed jingħad li x-xhud lanqas biss ma kien jaf fejn kienet tinsab il-vettura tal-attriċi. Il-qorti ma tifhimx kif l-appellanti tippretendi li tiskolpa ruħha wara d-difiża ta' forża maġġuri, meta l-persuna li bagħtet biex jixhed lanqas biss ma kien jaf dettall elementari bħal dak.

22. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti mingħajr ezitazzjoni tikkonkludi li l-appellanti ma tawx prova tal-element ta' nuqqas ta' kontributorjeta. Il-qorti mhijiex f'posizzjoni li tiddikjara li l-appellanti tat prova li l-ħsara ġiet

ikkaġunata minn fattur estranju mill-kontroll tal-konvenuta. Pjuttost il-provi juru li kien hemm negligenza fis-sens li għallinqas ma ttieħdux prekawzjonijiet sabiex jiġi evitat milli ssir ħsara lill-vettura tal-attriċi, u għalhekk l-appellanti għandha tagħmel tajjeb għad-danni.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.